**_Ruling_ mogħti mill-Ispeaker Anġlu Farrugia f'Seduta 91 tas-7 ta' Marzu 2018 dwar imġiba u lingwaġġ mhux parlamentari (_Naming_)**

*(Estratt mhux rivedut u mhux uffiċjali mit-traskrizzjoni tas-Seduta 91 tas-7 ta' Marzu 2018)*

**L-ISPEAKER:** Onor. Marlene Farrugia, is-Sedja reġgħet rat u semgħet bil-kwiet, u qrat it-traskrizzjoni kollha ta' dak li ġara fis-seduta tal-bieraħ. Nifhem li għandek kopja tar-*ruling*. Jekk m'għandekx, ngħaddulek kopja. Is-Sedja semgħet ukoll l-ispjegazzjoni li inti tajt ilbieraħ. Il-pożizzjoni tas-Sedja hija l-istess. Seta' kellek dak il-ħsieb, imma l-mod kif inqtalet il-kelma, ċertament li ma kenitx f'ambjent li huwa aċċettabbli. Qed nitolbok jekk intix lesta li tiritira dik il-kelma fiċ-ċirkostanzi kollha. L-Onor. Marlene Farrugia.

**ONOR. MARLENE FARRUGIA:** Nirringrazzjak, però le, m'iniex lesta! Nirringrazzjak.

**L-ISPEAKER:** Grazzi. La m'intix se tirtira dik il-kelma, jien ovvjament ikolli bilfors nimxi skont il-proċedura tal-Parlament, l-Ordnijiet Permanenti u speċifikament l-Ordni Permanenti 64(1). Meta inti m'intix qiegħda tottempra ruħek mar-*ruling,* allura awtomatikament dan jitqies bħala *gross misconduct*. L-aħħar li ntużat din il-proċedura kien fis-sebgħinijiet, jiġifieri inti wassaltni biex immur lura għas-sebgħinijiet! Onor. Simon Busuttil, ma naħsibx li għandek tgħaddi kummenti għax qed nindirizza lill-Onor. Marlene Farrugia! Hekk kif titlob din il-proċedura, nistaqsi lill-Kap tal-Kamra għall-pożizzjoni tiegħu. Id-Deputat Prim Ministru Chris Fearne.

**ONOR. CHRIS FEARNE (Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa):** Sur President, grazzi tal-opportunità. Aħna smajna r-*ruling* tiegħek ilbieraħ, u llum inti erġajt semmejt l-importanza li f'din il-Kamra u fil-kumitati parlamentari, li huma parti minn din il-Kamra, jinżamm diskors dekoruż. Ir-*ruling* tas-Sedja kien espliċitu; inti tlabt lill-Onor. Farrugia darbtejn biex tirtira l-kliem li qalet u hi ma rtiratux. Issa aħna nifhmu li kien hemm min ħass li din ma kenitx biss kwestjoni ta' kelma, imma kien hemm anke xi konnotazzjonijiet għax is-Segretarju Parlamentari ġej minn Għawdex u allura qisu kien hemm xi insulti lejn l-Għawdxin. Madanakollu, wara li kkonsultajt mas-Segretarju Parlamentari Clint Camilleri u mal-Onor. Alex Muscat, li huwa l-President tal-Kumitat Permanenti għall-Ambjent, jien inħoss li b'sens ta' maturità, naħseb li dan il-Parlament irid jgħid li issa din l-istorja għandha tieqaf hawn, għax inkella se nkomplu nkabbruha.

Ir-*ruling* tas-Sedja, fis-sens li kemm jista' jkun id-diskors għandu jkun dekoruż, huwa importanti. Aħna dejjem inżommu ma' dak, u dak li qed jingħad qiegħed jagħti eżempju lil min qiegħed jismagħna. Naħseb li l-Gvern se jkun qiegħed juri sinjal kbir ta' maturità meta jitlob lis-Sedja biex is-sitwazzjoni tieqaf hawn. Nerġa' ngħid, waqt li nifhmu r-*ruling* tiegħek, u anke l-gravità ta' dan kollu, m'aħniex qed nitolbu li jkun hemm azzjonijiet ulterjuri fuq dak li diġà ġara. Nirringrazzjak. (Onor. Membri: *Hear, hear*)

**L-ISPEAKER:** Grazzi. Is-Segretarju Parlamentari Clint Camilleri. Nifhem li l-pożizzjoni tiegħek taqbel ma' tad-Deputat Prim Ministru.

**ONOR. CLINT CAMILLERI (Segretarju Parlamentari għall-Agrikoltura, Sajd u Drittijiet tal-Annimali):** Nirringrazzjak, Sur President. Nikkonferma l-pożizzjoni tad-Deputat Prim Ministru. Filwaqt li r-*ruling* tas-Sedja kien juri biċ-ċar li l-kliem użat fil-konfront tiegħi kien offensiv, u għalkemm l-iżjed li inkwetajt ma kienx għaliex offendiet lili, iżda għax fl-opinjoni tiegħi, din l-offiża kienet intiża għalija għaliex jien Għawdxi, u għaldaqstant ippruvat

turi disprezz lejn l-Għawdxin kollha. Madanakollu, minkejja r-*ruling* tas-Sedja u minkejja li għal darbtejn irrifjutat li tirtira d-diskors tagħha, aħna lesti li naħfrulha b'maturità politika, u nibqgħu għaddejjin. Nirringrazzjak. (Onor. Membri: *Hear, hear*)

**L-ISPEAKER:** Din mhijiex kwestjoni ta' taħfer jew ma taħfirx, il-kwestjoni hija li n-*naming* isir mid-Deputat Prim Ministru. F'dan il-każ, il-pożizzjoni għamilha ċara u allura s-Sedja tieqaf hawnhekk. L-Onor. Marlene Farrugia, fil-qosor għaliex naħseb li smajna biżżejjed dwar dan.